MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru 660/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Jean-Claude Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Jean-Claude Cassar, 29 sena, iben Carmel u Victoria nee' Cilia, imwieled San Giljan fit-02.11.1974 u li joqghod Flat 1, Beverly Flats, Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar, id. nru. 528374M:

Billi huwa akkuzat talli fit-3 t'Awwissu, 2004, ghall-habta tas-2.30am, fil-Qawra,

1. volontarjament, kiser il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(*dd*) tal-Kap. 9) u
2. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jamie Pratt f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi ai termini ta' l-Artiklu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skond kif iccertifika Dr. Kevin Zammit M.D. mid-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta ma' Jean-Claude Cassar talli huwa recidiv b'diversi sentenzi definittivi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006 l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, (li f'dik is-Seduta kien Dr. Angelo Farrugia), iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le; u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu, (li f'din is-Seduta kien Dr. Arthur Azzopardi), ikkonferma l-ammissjoni tieghu maghmula fis-Seduta tat-12 ta' Dicembru 2006.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat jidher li biddel hajtu.

Semghat trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 338 (Ad), 214, 215, 216 (1)(d), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Jean-Claude Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat jidher li biddel hajtu, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Jean-Claude Cassar taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Jean-Claude Cassar ghall-piena ta' elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmi ta' Ewro (Ewro 1,164.69), multa ekwivalenti ghall-hames mitt Lira Maltin (Lm500.00).

Inoltre a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Jean-Claude Cassar b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 232.94), ekwivalenti ghall-mitt Lira Maltin (Lm100.00) li jzomm il-kwiet ma' Jamie Pratt u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna in-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Jean-Claude Cassar.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Jean-Claude Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7 (7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------